SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 05-15

Illum il-Ġimgħa, 21 ta' Awissu 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-2.00p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo kienet preżenti għal din il-laqgħa.

## ASSENTI

Ħadd.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 04-15 li saret nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2015 ġew approvati. Il-Minuti tal-Laqgħa numru 03-15 tas-Sotto Kumitat Kultura li saret nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Awissu 2015 ġew ukoll approvati waqt din il-laqgħa.

## 1.1 Mill-Minuti

### *1.1.1 Day Care Centre*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għall-minuta 4.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet dwar id-Day Care Centre. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan is-suġġett qiegħed fuq l-Aġenda u ser ikun hemm diskussjoni dwaru matul il-laqgħa.

### *1.1.2 Ħrug minn Xintill Roundabout*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 1.1.1 u staqsa kienx hemm xi żvilupp minn naħa ta' Transport Malta. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed jistenna l-proposta ta' Transport Malta u qal li din il-gimgħa l-Kunsill għandu jingħata appuntament.

Fuq din l-istess materja s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat quddiem il-Kunsill il-korrispondenza li kien talab il-Kunsillier Sciberras fil-laqgħa preċedenti. Hija ppreżentat ukoll id-*data* taċ-ċitazzjonijiet tal-Infurzar Lokali li ngħataw f'Santa Luċija bejn Jannar 2015 u Lulju 2015.

### *1.1.3 Playing Field Equipment għal Tfal bi Bżonnijiet Speċjali*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għall-minuta 4.3.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa kienx hemm xi żvillupp fir-rigward tal-*playing field equipment* għal tfal bi bżonnijiet speċjali. Huwa ġie nfurmat li l-Kunsill bagħat l-applikazzjoni u qed jistenna *feedback* mir-Reġjun f'dan ir-riġward.

### 1.1.4 Ġieħ Santa Luċija

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 1.1.5 u talab kjarifika dwar x'kien il-*misunderstanding* li rrefera għalih is-Sindku. Huwa qal li s-Sindku seta' mexa bil-maġġoranza. Is-Sindku wieġeb li ma ridx jaqbeż lil ħadd. Il-Kunsilliera Galea qalet li f'dan il-kaz m'għandix x'taqsam il-maġġoranza politika għax dawn l-affarijiet dejjem saru b'kunsensus. Hija kompliet tgħid li l-*misunderstanding* kien ir-riżultat ta' konsultazzjoni li suppost saret u ma saritx.

### 1.1.5 Ġnien is-Serenita'

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 1.1.4 tal-laqgħa preċedenti u qal li l-marki tat-*tyres* fl-entratura tal-Ġnien għadhom ma tneħħewx. Huwa ssuġerixxa li jsiru *bollards* jew pjanti kbar quddiem l-entratura tal-Ġnien u jsir *refreshing* tad-*double yellow lines*.

### 1.1.6 Ġemellagg ma' Lubriano

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-proposta ta' ġemellaġġ ma' Lubriano u qal li fuq wieħed mill-progetti li kienu ser jaħdmu fuqu jidher li kien hemm xi diżgwid u l-

Kunsill mhux ser ikun il-*lead partner* kif kien miftiehem oriġinarjament. Hu qal li ser jikkjarifika din is-sitwazzjoni ma' rappreżentanti ta' Lubriano.

### 1.1.7 Żbir ta' Siġar

Il-Kunsillier Liam Sciberras rrefera għall-minuta 8.5.2 u staqsa dwar iż-żbir ta' siġar li kellu jsir quddiem Blokk U Triq iċ-Ċinenarja. Is-Sindku qal li bħalissa ż-żbir qed isir f'postijiet oħra u għadhom ma waslux f'dik l-*area*.

Il-Viċi Sindku rrefera għaż-żbir li qed isir fuq l-oleandri. Huwa qal li dawn bħalissa qiegħdin bil-fjuri u m'għandhomx jinżabru u jġibuhom zokk. Huwa qal li jekk qed itelfu dawn għandhom jitbaxxew u mhux jinżabru b'dak il-mod.

### 1.1.8 *Railing* fi Triq il-Ġnien

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar ir-*railing* li kellu jsir fi Triq il-Ġnien. Is-Sindku qal li kien ser isir fil-ġimgħa li jmiss.

2. **KORRISPONDENZA**

**2.1 *Listi***

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2015 u l-Ġimgħa, 21 ta' Awissu 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

**2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill***

**2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:***

- *0670-15-O – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Punti mqajjma mill-Kunsill Lokali mal-Kabinet*
- *0709-15-O* – Kunsill Malti għall-Isports – *Upgrading* tal-Jogging Track
- 0717-15-O – Perit Karl Cutajar – Triq il-Ġnien

**2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 0664-15-I - Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 18-2015: L-Att Dwar ir-Responabbilita' Fiskali
- 829 -15-I – Centru LEAP Għax-Xlokk – Proget Right to Smile
- 0693-15-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – *Pre Announcement Guidlines for Cultural Activities*
- 0736-15-I – MJCL –Seminar fil-Ġnien Ċiniż
- 0748-15-I – Residenta – *Art Psychotherapy* fil-Ġnien Ċiniż

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- ***Minuti numru 3 tal-laqgha tas-Sotto-Kumitat għall-Kultura li saret fl-14 ta' Awissu 2015***
- ***SLLC Memo 20-2015 -*** Attivita' tal-Klabb tal-Football
- ***SLLC Memo 21-2015 -*** Attivita' mill-Girl Guides fil-Ġnien Ċiniż
- ***SLLC Memo 22-2015 -*** Talba għal użu tal-Ġnien għal party tal-Magħmudija
- ***SLLC Memo 23-2015 -*** Plakka ta' tikfira lil Pawla ta' Liqourish

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0664-15-I is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għall-*Memo* 18-2015 dwar l-Att Dwar ir-Responsabbilta' Fiskali u qalet li mportanti li kulħadd ikun konxju tal-kontenut ta' dan l-Att.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 829/15/I il-Kunsill innota *e-mail* mill-LEAP dwar laqgħa li ser issir fl-24 ta'Awissu 2015 fi Ġnien is-Serenita' dwar il-proġett Right to Smile u l-volontarjat fost iż-żgħażagħ f'Santa Luċija. Is-Sindku qal li kien ser jipprova jattendi għal din il-laqgħa.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0693-15-I li tirrigwarda *pre-announcement guidlines* għall-attivitajiet kulturali għal perjodu Diċembru 2015-Diċembru 2016, il-Viċi Sindku qal li din qed jaħdem fuqha is-Sotto Kumitat għall-kultura u hemm referenza fuqha fil-minuti ta' dan il-kumitat.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru u 0743-15-I il-Kunsill approva talba mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ġvern Lokali biex is-seminar Għaqal fid-Dar Ħajja Aħjar isir fi Ġnien is-Serenita' fl-4 ta' Settembru 2015. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll bl-istedina marbuta ma' dan is-seminar.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0748-15-I il-Kunsill iddiskuta talba minn residenta li tispeċjalizza f'*Art Therapy* li xtaqet tuża l-faċilitajiet fi Ġnien is-Serenita' biex tippratika din il-professjoni. Il-Kunsill stqarr li qabel ikompli jiddiskuti din it-talba, tintalab kjarifika dwar jekk dan is-servizz hux ser jingħata b'mod volontarju jew bi ħlas.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Jogging Track*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kellu laqgħa ma' l-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari Għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport dwar il-proposta tal-Kunsill biex l-*upgrading* tal-wiċċ tal-*Jogging Track* isir mill-Kunsill Malti Għall-Isport. Huwa qal li l-*feedback* kien wieħed posittiv ħafna anki peress li din it-talba hija *in line* mal-manifest elettorali ta' dan il-gvern dwar dawn il-faċilitajiet sportivi.

### *4.2 Punti mqajjma mill-Kunsilli Lokali mal-kabinet*

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kummenti u aġġornamenti dwar il-proġetti ppreżentati mill-Kunsill lill-Kabinet. Hija qalet li dawn intbagħtu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fuq talba ta' l-istess Dipartiment.

### *4.3 Xogħolijiet neċessarji f'Dawret it-Torri minħabba Għargħar*

Il-Kunsill iddiskuta t-talba tal-Kunsilliera Caroline Galea biex tiġi ndirrizata l-problema ta' għargħar f'Dawret it-Torri qabel ma jibda l-maltemp. Is-Sindku qal li jridu jitnaddfu l-*manholes* u l-kattusi tal-*gutters* li hemm f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli u li jgħatu għall-ġibjun f'Wied Garnaw. Il-Viċi Sindku tkellem dwar iċ-*chicken wire* li qed issir taħt il-*gratings* ta' dawn il-*gutters* u qal li dawn iżommu l-ħmieġ u weraq u jsoddu l-*gutters*. Huwa qal li b'dan il-mod dawn trid tnaddafhom kuljum. Huwa ta parir lis-Sindku biex dan iċ-*chicken wire* jitneħħa. Is-Sindku wieġeb li dawk kienu saru biss għax-xhur tas-Sajf u fix-Xitwa jerġu jinqalgħu.

### *4.4 Sejħa ghall-Kwotazzjonijiet*

#### *4.4.1 Kwotazzjoni SLLC Q(57-15-04)Provista ta' Servizz ta' tisqija ta' Green Areas u ċanet ġo Santa Luċija*

Il-Kunsill innota l-kwotazzjonijiet għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Għal din is-sejħa li kienet tagħlaq f'nofsinhar tat-Tnejn, 17 ta' Awissu 2015 ntefgħu dawn il-kwotazzjonijiet.

| | **Kuntrattur** | **Indirizz** | **Ammont** | **Rimarki** |
|---|---|---|---|---|
| **1** | **John Desira** | **Casa Desira, G.M Caruana Street, Zabbar** | **€79.00** | **4 1/2 hrs Service** |
| **2** | **Waste Collection** | **131, Mdina Road, Zebbug** | **€94.40** | **4 1/2 hrs Service** |

Il-Kunsill qabel li jmur għal orħos offerta dik tas-Sur John Desira.

#### *4.4.2 Kwotazzjoni SLLC Q(57-15-05) Servizz ta' Accountant*

Il-Kunsill innota l-kwotazzjonijiet għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Għal din is-sejħa li kienet tagħlaq f'nofsinhar tat-Tnejn, 17 ta' Awissu 2015 ntefgħu dawn il-kwotazzjonijiet

| | **Kuntrattur** | **Indirizz** | **Ammont** | **Rimarki** |
|---|---|---|---|---|
| **1** | **Marisa Ciappara** | **39, Vjal it-Torri, Gudja** | **€236.00** | **VAT included. Monthly rate** |
| **2** | **Parker Randall Turner** | **13, Triq Kurat Fenech, Birzebbuga** | **€413.00** | **VAT included. Monthly rate** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 3 | **Grant Thorton** | **Suite 3, Tower Business, Centre Tower Street, Swatar** | **€5,000.00** | **Vat Included Rate Per Annum Monthly rate - € 416.00** |
| 4 | **D Consulta Limited** | **Amber Court, Blk No.1, Qormi Road, Santa Venera** | **€165.00** | **VAT included Monthly rate** |
| 5 | **Pierre Sammut** | **55, Father Charles Plater Street, Paola** | **€2,400.00** | **Vat Included Annual Rate Monthly rate - € 200** |

Il-Kunsill qabel li jmur għal orħos offerta dik ta' D Consulta Ltd. Ġie nutat li ser ikun hemm kontinwita' ta' dan is-servizz peress li D Consulta Ltd kienu ilhom l-*accountants* tal-Kunsill għal dawn l-aħħar tlett snin.

### *4.4.3 Kwotazzjoni SLLC Q(57-15-06) Tindif ta' l-Uffċċini tal-Kunsill*

Il-Kunsill innota l-kwotazzjonijiet għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Għal din is-sejħa li kienet tagħlaq f'nofsinhar tat-Tnejn, 17 ta' Awissu 2015 ntefgħu dawn il-kwotazzjonijiet

| | Kuntrattur | Indirizz | Ammont | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| 1 | **FlooPul Co Ltd** | | **€ 7.42** | **Hourly rate** |
| 2 | **Kwinta Enterprises** | | **€ 7.43** | **Hourly rate** |

Il-Kunsill qabel li jmur għal orħos offerta dik ta' Floor Pul Co Ltd.

### *4.4.4 Kwotazzjoni SLLC Q(57-15-07) General Electrical and Plumbing Works*

Il-Kunsill innota l-kwotazzjonijiet għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Għal din is-sejħa li kienet tagħlaq f'nofsinhar tat-Tnejn, 17 ta' Awissu 2015 ntefgħu dawn il-kwotazzjonijiet

| | Kuntrattur | Indirizz | Item1 | Item2 | Item3 | Item4 | Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **James Sghendo** | **19, Belvedere, Triq l-Akacja, San Gwann** | **€7.00** | **€10.00** | **€12.00** | **€10.00** | **€39.00** |
| 2 | **Matthew Schembri** | **7, Triq l-Istefanotis, Santa Lucija** | **€10.00** | **€12.50** | **€12.50** | **€12.50** | **€47.50** |
| 3 | **Silvan Cortis** | | **€11.65** | **€10.65** | **€12.45** | **€9.50** | **€44.25** |

Il-Kunsill iddiskuta dawn l-offerti u qabel li jmur għall-offerta ta' Matthew Schembri anki jekk din ma kienet l-orħos offerta. Fid-deċizjoni tiegħu l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li s-Sur Schembri f'din l-aħħar sena ħadem fuq diversi sistemi komplessi ta' l-eletriku u *plumbing* li hemm fi Ġnien is-Serenita u l-fatt li huwa familjari ma' dawn is-sistemi fil-prattika jista jirriżulta f'serviżż aktar effettiv.

### *4.5 Kuntratt RM-PF (57-15- 02 )Manutenzjoni ta' Toroq*

Il-Kunsill innota l-offerti li ntefgħu għal kuntratt hawn fuq imsemmi. Għal din is-sejħa li kienet tagħlaq f'nofsinhar ta' it-Tnejn 17 ta' Awissu 2015 ntefgħu dawn l-offerti

| | Kuntrattur | Indirizz | Ammont | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Joint Venture - Tabone Buġeja | Elakie, Triq in-Nutar Zarb, Attard | Various rates | |
| 2 | Mario Mallia | 77 Il-Ħorza, Triq Andrew Cunningham, Qawra | Various rates | |
| 3 | Dimbros Ltd | Ludvig Garage, Dun Salv Ciappara, Żebbuġ | Various rates | |
| 4 | Ricky Caruana | 15, Triq il-Warda, Żurrieq | Various rates | |

Il-Perit tal-Kunsill għandu jintalab iħejji *adjudication report* fuq dawn l-offerti sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

### *4.6 Triq il-Ġnien*

#### *4.6.1 Xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Ġnien*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li llum ikun lest ix-xogħol fuq Triq il-Ġnien mill-kuntrattur Ritemix Ltd. Il-Kunsill qabel li kif jiċċertifika x-xogħol il-perit tal-Kunsill, għandu jinħareg pagament ta' 40% tal-ispiża totali li minnha jridu jitnaqqsu iż-żewg *part payments* li nħargu diġa.

#### *4.6.2 Sinjali u marki tat-toroq fi Triq il-Ġnien*

Il-Kunsill qabel li issa li Triq il-Ġnien hija lesta, għandu jiġi ordnat ix-xogħol ta' sinjali u marki tat-toroq f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li għanda ssir *parking bay* għad-*disabled* ħdejn Blokk III.

### *4.6.3 Ġbir ta' l-iskart fi Triq il-Ġnien*

Is-Sindku ppropona li l-boroż ta' l-iskart tar-residenti fi Triq il-Ġnien għandhom jitqiegħdu fuq il-bankina fi Vjal Oleandri. Huwa qal li bħalissa l-boroz ta' l-iskart f'din it-triq qed jitħallew taħt it-twieqi tal-appartamenti ta' isfel. Il-Viċi Sindku qal li din ser tkun ta' inkonvenjent għal min hu anzjan. Ġie deċiż li jsiru l-*markings* tal-kaxxa ta' fejn jinħareg l-iskart bejn il-blokks fuq in-naħa taċ-ċint tal-Jogging Track.

### *4.7 New Street Lighting*

Is-Sindku ppropona li ssir applikazzjoni għal dawl ġdid fi Triq Bruka u fi Triq il-Ġiżimin. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill ta' qabel diġa kien ipprova jagħmel dawl ġdid f'dik l-*area* iżda kien iltaqgħa ma' problema għax ħadd mir-residenti ma ried il-*bracket* mal-faċċata tad-dar tiegħu. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li flok il-*mushroom pole* eżistenti jsir arblu għoli bi tlett lampi ħalli tissolva l-problema ta' nuqqas ta' dawl f'din l-*area*.

### *4.8 Trasport Pubbliku*

Il-Kunsill innota l-i*sketch* li ħejja l-perit biex tkun tista ssir proposta lit-Trasport Malta biex issir olterazzjoni fiċ-ċanta forma ta' *triangle* li hemm bejn Triq Prinjoli u Dawret it-Torri. Il-Kunsill approva dan l-i*sketch* li għandu jintbagħt lit-Transport Malta għal konsiderazzjoni tagħħa.

Fir-riġward tat-trasport pubbliku s-Sindku nforma lil Kunsill li l-X2 u X3 ser jibdu jgħaddu minn Santa Luċija f'Settembru 2015.

### *4.9 Yunnan Culture and Arts Troupe*

Il-Viċi Sindku ppreżenta quddiem il-Kunsill il-*programme* tal-*performance* li ser jgħatu l-Yunnan Culture and Arts Troupe waqt il-Moon Festival. Huwa nforma l-Kunsill ukoll li żjara uffiċċjali tad-delegazzjoni minn Guzu li kellha tasal Malta f'Awissu 2015, kellha tiġi posposta għax-xahar ta' Settembru 2015.

### *4.10 Gate fl-Isculpture Garden*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-*gate* ta' l-I*sculpture* Garden fi Triq Peprin u qal li din għandha tingħata attenzjoni immedjata għax kif inhi jistgħa jidħol min irid.

## 4.11 Oħrajn

Il-Kunsillier Liam Sciberras ippropona li ssir tabella u *doggie bin* bejn Triq Maria De Domenicis u Triq Bruka. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar manutenzjoni ta' tabella tat-traffiku ħdejn il-ġirna u l-bżonn li tinkines Triq Maria De Domenicis. Huwa semma wkoll li hemm bzonn ta' manutenzjoni fuq ċint fi Trejqet Garnaw. Is-Sindku qal li dan jistgħa jsir mill-ħaddiem ta' l-IPSL li għandu assenjat miegħu l-Kunsill.

Saret rimarka li fi Vjal Oleandri dak li jinkines mhux qed jinġabar.

Il-Viċi Sindku qal ukoll li hemm bonn li ċ-ċanta ta' madwar il-latrina pubblika f'Dawret it-Torri għandha bżonn tingħata l-attenzjoni u jinżraw ftit fjuri.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5680 sa numru BOV 5737 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2015 u l ta' Awissu 2015

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 04-15 (21-07-2015)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Lulju 2015    Ammont Gross €4591.60

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Joseph u Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Serv. Lulju 15 | 2046.61 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv Gunju 15 | 366.93 |
| ELC Ltd | PKG 57 | Serv. Lulju 15 | 2061.50 |
| Rite Mix Ltd | RR(PPP) 57-11-02 | Triq InezSoler- $4^{th}$ install. | 4642.20 |
| Rite Mix Ltd | RR(PPP) 57-11-02 | Triq il-Gnien – $1^{st}$ install | 30086.00 |

## 5.4 *Servizz ta' watchman*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €99.84 għal servizz ta' emerġenza li ngħata matul ix-xahar ta' Lulju 2015, servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

## 6. Rapporti Finanzjarji li jkopru l-perjodu 01-01-2015 sa 30-06-2015

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill l-ewwel u t-tieni *quarterly reports* għal din is-sena li flimkien ikopru l-perjodu hawn fuq imsemmi. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sinjura Josianne Debono li tirrappreżenta l-D Consulta Ltd. li tagħt speġazzjoni tat-dħul u nfieq tal-Kunsill għal dan il-perjodu. Hija qalet li f'dan is-sitt xhur ma kienx hemm infieq straordinarju għajr l-ispiza tal-bankina li saret fi Triq l-Istefanotis u l-*upgrading* ta' erbgħin bank ta' l-injam fi Pjazza 7 ta' Lulju u l-*area* ta' madwar. Is-Sinjura Debono qalet li l-Kunsill għalaq l-ewwel kwart tas-sena b'*surplus* ta' €10,638.00 u t-tieni kwart tas-sena b'*surplus* ta' €16,408.00. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat *overview* dwar il-qagħda tal-Kunsill li tħejjiet bħala parti minn dawn iż-żewġ rapporti.

## 7. DAY CARE CENTRE U LEARNING HUB GĦALL-ANZJANI

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tad-Day Care Centre. Hija qalet li l-*cupboards* tal-kċina issa tlestew u ġew imwaħħla fil-post. Hija qalet li jonqos li jinxtara *television* u *cooker* żgħir u xi affarijiet żgħar oħra bħal tvalji u pjanti biex isebħu l-post. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għax-xiri ta' dawn l-affarijiet. Rigward imwejjed u siġġijiet addizjonali għandha tintalab l-għajnuna tal-Kappillan biex jipprovdi l-imwejjed għal żmien temporarju. Rigward il-pjanti għandha ssir talba lil ELC Ltd biex jisponsorja numru ta' pjanti għal dan iċ-ċentru.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kopja taċ-ċwievet tat-Tea Room u l-grada ta' fuq tal-Ġnien ser tingħata lil Amministraturi ta' dan iċ-ċentru. Hija qalet li ġiet stabbilita' d-data tal-ftuħ bi ftehim mad-Dipartiment għal Anzjani u l-Kura fil-Kommunita' u din ser tkun l-Erbgħa, 2 ta' Settembru 2015. Is-Sindku qal li dak inhar il-Kunsill flimkien ma' uffiċċjali għolja mis-Segretarjat Parlamentari Għad-Drittijiet Ta' Persuni B'diżabilita' U Anzjanita' Attiva għandhom ikunu preżenti biex jagħtu merħba lil madwar ħamsin resident li ser ikunu qed jattendu dan iċ-ċentru.

**8. DEVOLUZZJONI TAL-BERĠA**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill *draft agreement* bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Kura Primarja tas-Saħħa dwar id-devoluzzjoni tal-Berga. Is-Sindku s-Sur Terrence Ellul qal li bħalissa għadu għaddej bit-taħdidiet mad-Dipartiment imsemmi dwar diversi punti f'dan il-ftehim u qal ukoll li dan id-*draft agreement* ser jiġi rivedut. Il-Kunsill qabel li dan il-proġett jerga jitpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**9 TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fil-5.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2015 fit-3.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ......................... ta' ........................ 2015**

**Terrence Ellul**
**Sindku**